# L-IRWOL TAL-GAZZETTI FI ŻMIEN IL-GWERRA




Dwar il-gwerra rajna diversi filmati u smajna ħafna rakkonti, imma ħafna minna qajla aħna nfurmati dwar xi rwol kellhom il-gazzetti f'dawk iż-żminijiet. Riċerka dwar dan għalhekk kienet meħtieġa għaliex il-gazzetti mhux biss jiddokumentaw dak li jkun qed jiġri, imma dan ma jagħmluhx b'mod passiv.

Minnhom nistgħu insiru nafu liema kienu l-kurrenti soċjo-politiċi ewlenin f'dawk iż-żminijiet u kif huma stess bħala aġenti xprunaw il-ħsieb soċjo-politiku. F'isem il-Paġna Letterarja tat-Torċa tkellimna għalhekk mal-awtur ta' The Front Page on the Front Line, Martin Debattista u matul din l-intervista ser nagħtu ħarsa lejn dan il-ktieb. Martin G. Debattista huwa riċerkatur fil-qasam tal-mezzi diġitali u l-edukazzjoni diġitali u akkademiku.



F'Malta kien pijunier fil-qasam tal-internet u minn tal-ewwel li beda jgħaddi tagħrif permezz tal-gazzetti dwar din it-teknoloġija ġdida. Bħalissa huwa jaħdem bħala lettur fl-Istitut tal-Istudji Turistiċi u huwa wkoll visiting lecturer fil- Fakultà tal-Media u x-Xjenzi tal-Għarfien fl-Università ta' Malta. Interessi oħra ta' Debattista huma l-korsijiet online miftuħa massivi (MOOCs), riżorsi edukattivi miftuħa (OER), kif ukoll ir-realtà miżjuda u dik virtwali fl-edukazzjoni u fl-interpretazzjoni inti f'dan il-ktieb, il-memorja kollettiva tal-gwerra fost il-poplu għadha pjuttost ħajja, qed nikkwota p.153. Xi ftit jew wisq kwotazzjonijiet minn ġurnali dehru f'ħafna kotba u riċerki oħra. Ma nistgħux allura Martin nibdew b'din it-taħdita billi nistaqsi lilek bħala riċerkatur u awtur ta' dan il-ktieb, x'joffri differenti dan il-ktieb minn dan li diġa lkoll nafu?

T. Jiena bdejt ir-riċerka b'żewġ premessi. L-ewwelnett indunajt li s-suġġett tal-gazzetti kien ġie trattat b'mod superfiċjali u mferrex ħafna f'diversi pubblikazjonijiet, fejn ħafna drabi ngħad biss li t-Times of Malta baqgħet toħroġ minkejja d-diffikultajiet kollha u kultant naraw l-ewwel paġna ta' xi ġrajja importanti bħall-għoti tal-George Cross. It-tieni ridt li nħares lejn il-gazzetti fi żmien il-gwerra mil-lenti ta', kif ngħidu bl-Ingliż "news is the first rough draft of history". Fil-gazzetti Maltin ta' matul il-gwerra kienet qed tinkiteb l-istorja u ħadd ma kien għadu analizza kif inkitbet din l-istorja waqt żmien ikrah u mimli tiġrib għall-Maltin u l-Għawdwin. Naħseb li lħaqt dawn l-għanijiet b'volum wieħed.

2. Il-gwerra ħalliet impatt kbir fl--iżvilupp soċjo-politiku ta' Malta kif ukoll fil-proċess politiku. Iżda ma rridux ninsew li qabel il-gwerra diġa kellek il-ġrajjiet imdemmija tas-sette ġiugnio, li wkoll wasslu aktar għalihom il-kundizzjonijiet ħżiena ta wara l-ewwel gwerra dinija. Kellek ukoll imbagħad l-ewwel self-government, il-kwistjoni tal-lingwa u l-ewwel kostituzzjoni. Wara l-gwerra mbagħad komplejna għaddejjin bil-kwistjoni tal-integration.

X'kien l-impatt li allura tara li ħalliet il-gwerra fl-iżvilupp politiku tagħna u bidlet it-traġitt li diġa konna qbadna? Mistoqsija oħra li mhux marbuta magħha imma mat-tema ċentrali hija: Xi rwol kellhom il-ġurnali f'dawn iż-żminijiet?

T. Il-ġurnali Maltin kellhom rwol importanti fejn tidħol il-propaganda u l-informazzjoni. Jien skoprejt fost l-oħrajn li ħafna millgħidut dwar l-imġieba meqjusa xejn kuraġġjuża tat-avjaturi Taljani kienet element importanti fil-propaganda fil-gazzetti, speċjalment f'il-Berqa li kienet bil-lingwa Maltija. Din kienet tiġi pubblika minn Allied Newspapers Ltd ta' Strickland l-istess bħat-Times of Malta. Dawn il-gazzetti kienu propjeta' ta' partit politiku - dak Kostituzzjonali - imwaqqaf minn Sir Gerald Strickland, li kien avverssarju ewlieni tal-Partit Nazzjonalista ta' Nerik Mizzi.

Hawnhekk naraw kif irrwol tal-gazzetti kemm qabel